MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru. 94/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Iro (Spiridone) Azzopardi**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Iro (Spiridione) Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 197276(M).

Akkuzat talli:
Fl-1 ta' Marzu 2008, u fil-jiem u gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, ai termini tal-

Artikoli **42(a),(b),(d) u 185(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-sub-titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ai terminu tal-Artikolu **121A(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini tal-Artikolu **188** tal-Kodici Krminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament, ai termini tal-Artikolu **108** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvediment tal-Artikolu **109** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1)(b), 121A(1), 188, 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief ghar-raba’ akkuza u stante li l-imputat ikopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, stante li l-fedina

penali hija netta u stante li l-istess imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qed issib lil-imputat Iro (Spiridione) Azzopardi hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba' akkuza izda ma tistax issib htija fuq il-hames (5) akkuza kif migjuba taht l-Artikoli 108 u 109 stante li kif jidher mid-dokument immarkat Dok MC5, illi ma ttiehed l-ebda gurament tant li la hi identifikata l-persuna li kellha taghti tali gurament u la hemm indikat jekk inghatax il-gurament jew le u allura tali dokumenti huwa mankanti bl-aktar mod lampanti fil-validita` tieghu, u ghalhekk qeghda tilliberah minnu u ghalhekk a bazi ta' dan qed issib lill-imputat hati tal-ewwel erba' (4) akkuzi u tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sena.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------